ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 60/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru 2010**

**Ħin: Fit-8:15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għal-laqgħa.

Is-Sindku qal li ħass id-dmir u d-dritt li jagħmel din il-laqgħa minħabba l-opportunita' li nqalgħet li l-Kunsillieri jsiefru fid-29 ta' Jannar 2011 rigward il-ġemellaġġ propost.

## 2. INVIT TAL-COMUNE TAVARNELLE VAL DI PESA

Inqrat il-korrispondenza dwar dan is-suġġett. Minn naħa tal-Comune Tavarnelle Val di Pesa aċċetta li jitilgħu ħames membri tal-Kunsill u jinżlu għalihom bit-trasport personali tagħhom biex jeħduhom mill-ajruport ta' Pisa għall-Comune. L-ajruplan għandu jasal Pisa fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

Is-Sindku Carmelo Saliba u d-Deputat Sindku flimkien mal-Kunsillier Victor Refalo aċċettaw li jmorru l-Italja u l-Kunsilliera Debono u Camilleri mhumiex sejrin. Il-Kunsill Lokali qabel li dawn iż-żewġ Kunsilliera jmorru darb' oħra.

Tqajjem il-punt dwar għajnuna mill-Unjoni Ewropea għal dan il-għan. Għandu jsir iċċekkjar fuq din il-materja.

Il-Kunsill iddeċieda li ssir ikla għall-membri tal-Kunsill.

## 3. AĠĠORNAMENT

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar 2011 fl-10:00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Carmelo Grima** |
| ***Sindku*** | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |